*GOZO COLLEGE*

*EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA 2010 - 2011*

| Ir-Raba' Sena | Malti (Fehem mis-Smigħ) | Ħin: 20 minuta |
|---|---|---|

Karta ta' l-Għalliem/a

Gwida għat-tmexxija ta' l-eżami tal-Fehem mis-Smigħ

Riżorsi:

1. Test li jinqara
2. Karta tal-mistoqsijiet
3. Riga u lapes

INTRODUZZJONI: Jitqassmu l-karti bil-mistoqsijiet u t-tfal jintalbu jiktbu isimhom, kunjomhom u l-isem tal-klassi.

***L-għalliem/a j/tgħid lit-tfal li:***

| | | |
|---|---|---|
| 1. | - ser tinqralhom l-istorja ***Żigu.***<br>- għandhom jisimgħu b'attenzjoni waqt l-ewwel qari.<br>- ma jwieġbu xejn u ma jiktbu xejn waqt dan l-ewwel qari. | (3 minuti) |
| 2. | - jaqraw il-mistoqsijiet mogħtija waqt li l-għalliem/a j/ taqralhom għal darba. | (3 minuti) |
| 3. | - jaqilbu l-karta tal-mistoqsijiet u jisimgħu t-tieni qari tat-test. | (3 minuti) |
| 4. | - għandhom iwieġbu billi jagħmlu sing taħt it-tweġiba t-tajba. | (5 minuti) |
| 5. | - ser jinqralhom it-test għat-tielet darba.<br>- jistgħu jkomplu xi mistoqsijiet li ħallew barra waqt dan | (3 minuti) |
| 6. | - jiċċekkjaw it-tweġibiet, ikomplu dawk li m'għamlux u jkunu ċerti li mmarkaw waħda bħala tweġiba. | (3 minuti) |

GOZO COLLEGE

EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA 2010 - 2011

# ŻIGU

Żigu d-dudu kien inkwetat ħafna. Kull filgħodu kien qiegħed iqum u jsib xagħra fuq l-imħadda. Qatt qabel ma kien waqagħlu xagħar minn rasu. Issa kellu din il-problema. Kien jitwerwer kull filgħodu għax kuljum kien isib dik l-imbierka xagħra hemm. Żigu kien beda jiġbor dawk ix-xagħriet ġo kaxxa tal-kartun ħadra, imdawra b'żigarella roża.

Żigu beda jaħseb li ser jispiċċa fartas għal kollox. Għal Żigu din kienet ħaġa ta' misthija kbira għax qatt qabel ma kien ra dudu ieħor bil—qargħa. Għalhekk erħielha lejn ir-raħal biex ikellem lis-Sur Viklor, l-ispiżjar. Dan kien magħruf għall-ħila tiegħu li jfejjaq lid-dud fl-iqsar żmien possibli.

Żigu qallu bil-problema tiegħu u staqsieh x'seta' jagħmel. Is-Sur Viklor li kien dudu xiħ ferm, qallu li kellu bżonn jagħmillu taħlita speċjali biex jidlikha fuq rasu. Imma kellu bżonn jumejn oħra biex ilestiha. Għalhekk Żigu telaq lejn id-dar u jumejn wara reġa' mar għand l-ispiżjar. Minnufih l-ispiżjar tah flixkun tal-ħġieġ b'likwidu vjola ġo fih u qallu biex jidlek rasu kull filgħaxija, tliet minuti qabel nofs il-lejl għal tlett ijiem biss.

Żigu hekk għamel. Kif dalam beda jgħodd il-minuti sakemm kien jonqos eżatt tliet minuti qabel nofs il-lejl. Mar quddiem il-mera u beda jidlek rasu b'dik it-taħlita tas-Sur Viklor. Filgħodu b'ferħ kbir ra li ma kien hemm ebda xagħra fuq l-imħadda. Għal tliet lejliet wara xulxin, Żigu dellek rasu u mar jorqod u qam ferħan bla ebda xagħra fuq l-imħadda. Fl-għodwa tar-raba' jum mar għand l-ispiżjar. Żigu rringrazzjah talli salvalu ħajtu u telaq lejn daru ferħan u kuntent bil-fejqan tiegħu.

GOZO COLLEGE

*EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA 2010 - 2011*

**ŻIGU**

Aqta' sinjal taħt l-aħjar tweġiba:

1. Żigu kien:
   - a. dudu.
   - b. raġel.
   - ċ. tifel.
   - d. għalliem.

2. Kull filgħodu fuq l-imħadda kien isib:
   - a. munita.
   - b. ħaxixa.
   - ċ. dudu.
   - d. xagħra.

3. Żigu kien jiġbor dawn ix-xagħriet ġo:
   - a. kaxxa tal-kartun ħamra.
   - b. kaxxa tal-kartun ħadra.
   - ċ. kaxxa tal-kartun blu.
   - d. kaxxa tal-kartun safra.

4. Il-kaxxa kienet imdawra b'żigarella:
   - a. roża.
   - b. kannella.
   - ċ. sewda.
   - d. ħadra.

5. Biex jgħinu fil-problema li kellu, Żigu mar għand:
   - a. l-arċipriet.
   - b. it-tabib.
   - ċ. l-ispiżjar.
   - d. il-ħabib tiegħu.

6. Is-Sur Viklor tah taħlita speċjali u ried jidlek rasu biha:
   - a. kull filgħodu.
   - b. f'nofs in-nhar.
   - ċ. kull siegħa.
   - d. kull filgħaxija.

7. Żigu reġa' mar għand is-Sur Viklor wara:
   a. ġurnata.
   b. jumejn.
   ċ. tlett ijiem.
   d. erbat ijiem.

8. Is-Sur Viklor tah likwidu:
   a. blu.
   b. aħdar.
   ċ. vjola.
   d. iswed.

9. It-taħlita ried jidlikha fuq rasu għal:
   a. ġurnata.
   b. jumejn.
   ċ. tlett ijiem.
   d. erbat ijiem.

10. Fi xħin ried jidlek it-taħlita fuq rasu?
   a. tliet minuti qabel nofs il-lejl.
   b. erba' minuti qabel nofs il-lejl.
   ċ. Ħames minuti qabel nofs il-lejl.
   d. sitt minuti qabel nofs il-lejl.

11. Fartas tfisser:
   a. rasu mimlija xagħar.
   b. bla xagħar.
   ċ. rasu kollha suf.
   d. rasu kollha ħafas.

12. It-taħlita tas-Sur Viklor ħadmet fuq Żigu?
   a. Le, għax baqa' jaqagħlu x-xagħar.
   b. Le, għax baqa' jsib ix-xagħar fuq l-imħadda.
   ċ. Iva, għax filgħodu ma sab ebda xagħra fuq l-imħadda.
   d. Iva, għax filgħodu rasu mtliet kollha xagħar.

*GOZO COLLEGE*

*EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA 2010 - 2011*

| Ir-Raba' Sena | Malti (Fehem mis-Smigħ) | Skema ta' Marki |
|---|---|---|

*<u>ŻIGU</u>*

1. (a) dudu *(marka)*
2. (d) xagħra *(marka)*
3. (b) kaxxa tal-kartun ħadra *(marka)*
4. (a) roża *(marka)*
5. (ċ) l-ispiżjar *(marka)*
6. (d) kull filgħaxija *(marka)*
7. (ċ) tlett ijiem *(marka)*
8. (ċ) vjola *(marka)*
9. (ċ) tlett ijiem *(marka)*
10. (a) tliet minuti qabel nofs il-lejl *(2 marki)*
11. (b) bla xagħar *(2 marki)*
12. (ċ) Iva, għax filgħodu ma sab ebda xagħra fuq l-imħadda *(2 marki)*

*GOZO COLLEGE*

*EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA 2010 - 2011*

| Ir-Raba' Sena | Malti (Fehem mis-Smigħ) | Ħin: 20 minuta |
| --- | --- | --- |

Isem u Kunjom: ____________________________

Klassi: ____________________________

Tikteb xejn qabel ma tingħata l-ordni.
Oqgħod attent/a l-ħin kollu.
Ara li tkun weġibt sewwa.